# PRODOTTI MALTIN FL-1890

minn MONS. PROF. A. BONNICI

**Dan l-aħħar waqa' taħt idejja Rapport, aktarx miktub u mibgħut l-Ingilterra minn Captain Alexander Ball, li wara sar Kummissarju Ċivili ta' Malta. Deherli li dan id-dokument jista' jkun ta' nteress għall-qarrejja tal-'Leħen', u għalhekk ħsibt li nirrangah u naddattah għalihom b'mod li ma jiddejqux jaqrawh. X'kienet tipproduċi Malta u x'ħamiet kien hemm li tkattar il-produzzjoni tagħha fil-bidu tas-seklu li għadda, meta l-Ingliżi daħlu f'gżjjiżna?**

### IL-PRODUZZJONI EWLENIJA

Skond ir-Rapport, il-produzzjoni ewlenija ta' dak iż-żmien f'Malta u Għawdex kienet dik tal-qoton. Dan, maħdum fi drapp, kien jilbsu mal-100 elf Malti u Għawdxi. Iżda, billi dan id-drapp kien aħrax, ma kienx jidher adattat għall-esportazzjoni f'pajjiżi bħall-Ingilterra, għalkemm kien jgħaddi għall-esportazzjoni fil-Barberija.

Ta' min jinnota hawn li r-rivalita' bejn il-Maltin u l-Musulmani kienet ġa taffiet ħafna u, bis-saħħa ta' passaporti mogħtijin minn Lord Keith, il-Kmandant Kap tal-flotta Ingliża fil-Mediterran, lill-kaptani ta' bastimenti Maltin, dawn setgħu jbaħħru b'sigurta akbar fil-Mediterran u setgħu saħansitra jidħlu fl-Istati tal-Barberija u jiftħu kummerċ magħhom. Malta bdiet tesporta, igħid ir-Rapport, man-nofs miljun lira sterlina ħajt tal-qoton fi Spanja kull sena u bdew jaslu fil-Gżira mill-Barberija provvisti ta' qamħ u għadd ta' baqar. B'dan il-mod Malta bdiet taqta' d-dipendenza qadima tagħha minn Sqallija kif kienu jixtiequ l-Ingliżi.

Prodotti oħra Maltin, aktarx abbondanti, li bdew ukoll jigu esportati, kienu l-bżar aħmar u ħwawar bħal anisi u ħxejjex oħra aromatiċi: fosthom ir-Rapport isemmi il-'cummin", l-"guavas", il-'plantains'. X'jkunu dawn? Ma nafx anqas jien: staqsu intom.

Il-kannamieli ma kienux neqsin fil-Gżejjer tagħna. L-għasel ta' Malta, sa minn żmien l-aktar qadim imfittex għall-benna tiegħu, kien tant kotran li wieħed seta' wkoll jesporta z-zejjed tiegħu.

Bħal pajjiżi sħan, Malta kienet tipproduċi frott u ħaxix bi kwantita' hekk kbira u ta' kwalita' hekk superjuri għal dawk ta' bnadijiet oħra, li fl-espedizzjonijiet Inglizi taħt Lord Keith, il-Kmandant kap tal-Flotta, u Sir Ralph Abercromby, il-Kmandant Suprem ta' l-Eżerċtu Ngliż, kontra l-Franċiżi f'Genova u fl-Egittu, Malta setgħet tforni bl-abbundanza tal-ħxejjex tagħha lit-truppi nglizi sakemm damu hawn u għal fuq il-baħar.

### IL-FROTTA MALTIJA

Barra milli għall-għasel, il-Gżejjer tagħna huma magħrufin għall-benna tal-laring tagħhom. Captain Ball faħħar ukoll dan il-laring "ta' kwalita' eċċellenti" u qal li l-esportazzjoni tiegħu kienet tlaħħaq l-£2,000 sterlina, u kiteb li sija l-produzzjoni kif ukoll l-esportazzjoni ta' dik il-frotta setgħu jitkattru sewwa.

Ir-Rapport ifaħħar ukoll it-tin ta' Malta bħala "frott delizzjuz" u l-bettieħ bħala "superjuri fil-kwalita' għal dak ta' bnadijiet oħra: jikber fix-xitwa u jżomm għal żmien twil fuq il-baħar." It-tuffieħ, il-langas, il-ħawħ, skond Captain Ball, m'humiex bnina daqs dawk ta' pajjiżi oħra ta' klima iksaħ; iżda, b'koltivazzjoni aħjar, setgħu jitjiebu aktar.

Mal-ħitan tas-sejjieħ kienu jitħawlu xi dwieli u l-għeneb tagħhom kien x'aktarx jittiekel milli jintgħasar għall-inbid. Kien għalhekk rakkomandabbli li jitħawlu aktar dwieli, l-għeneb jintgħasar u jsir inbid għall-popolazzjoni u forsi ukoll għall-esportazzjoni b'risq il-Gżira.

Il-ħarrub u t-tin kienu l-mezz ta' manteniment għal ħafna Maltin, kif ukoll ta' l-għalf għall-bhejjem. Il-gnieden zgħar, imsemmin fuq iż-żrieragħ tal-qoton, kienu jagħtu laħam l-aktar tajjeb.

### SUGGERIMENTI TA' FEJDA

Captain Ball issuggerixxa t-tħawwil ta' pjanti barranin bħal dawk tal-'breadfruit" u "guinea-grass". Dawn ukoll fittxu x'inhuma, għax ma rnexxielix insib xi jfissru bil-malti mid-dizzjunarji li għandi f'idejja.

Milli jidher fid-dokument tagħna, il-patata ma tantx kienet ikkoltivata hawn Malta f'dak iż-żmien, għax fih jingħad li l-koltivazzjoni tagħha kienet għadha kemm bdiet imma kien hemm tama kbira li dik il-koltivazzjoni setgħet tkun ta' gid kbir biex tmantni aħjar il-popolazzjoni ta' Malta.

Ir-Rapport jissokta igħid li Malta kienet nieqsa ħafna mis-siġar u l-ħamrija; iżda ma kienux neqsin mis-siġar taz-zebbug, tal-ħarrub u siġar oħra li kienu jixxettlu qalb il-blat.

L-Ingliżi ħasbu biex jiftħu ġnien botaniku u jħawlu fih xtieli ezotiċi (barranin).

### IFAĦĦAR LILL-MALTIN

Ir-Rapport isemmi ukoll il-ħitan tas-sejjieħ, li jagħżlu għalqa minn oħra f'livelli differenti u ma jħallux l-ilma tax-xita jgorr miegħu l-ħamrija. Igħid ukoll li l-ġebla Maltija 'ġebla ratba li faċilment tinħadem", hija użata ħafna mill-Maltin biex jibnu d-djar biha u jagħmlu minnha kanali li minnhom jgħaddi l-ilma ħa' jsaqqu l-għelieqi u l-ġonna. Dik il-kwalita' kienet vantagguża għall-esportazzjoni tagħha fi Sqallija, fil-bliet mal-Baħar Adrijatiku u max-xtajtiet tal-Barberija.

Captain Ball kien qed jittama fil-karattru ħaddiemi tal-Maltin biex ikabbru l-koltivazzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti tagħhom. Faħħar ukoll il-ħaddiema Maltin, jekk mhux għall-oriġinalita' tax-xogħlijiet tagħhom, għall-ħila biex jimitaw perfettament xogħolijiet ta' ħaddieħor u jaħdmu mobbli skond il-mudell li jingħatalhom. Faħħar ukoll fl-aħħarnett il-baħrin Maltin għall-qlubija u l-abbilta' tagħhom.

Barra minn dan, Ball kien jittama ukoll li, meta merkanti nglizi jistabilixxu ruħhom f'Malta u jiftħu hawnhekk imħażen b'merkanzija ngliża, piroskafi mix-xtajtiet viċini ta' l-Orjent jigu bil-prodotti tagħhom biex jibdluhom ma' dik il-merkanzija.